Minuti tal-laqgħa numru erbgħa (4) tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li nzammet nhar it-Tnejn, 16 ta' Settembru, 2024 fil-5:20pm fl-Uffiċini tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur David Schembri | Sindku |
| | Is-Sa Anthea Sacco | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Nina Skye Briffa | Kunsillier |
| | Is-Sur Karmenu Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

04.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Presedenza

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, s-Sur David Schembri u l-membri qalu t-talba flimkien. Talbiet għal apoloġiji ma kienx hemm.

* Il-**minuti tas-seduta numru tlieta (3)** kienu mressqa għall-vot mis-Sa Anthea Sacco u ssekondati mis-Sur Karmenu Farrugia u dawn kienu approvati b'vot unanimu wara li sarulhom korrezzjoni mis-Sa Marion Parnis kif jidher fuq il-vera kopja oriġinali. — Minuti

04.02 **Intervisti tas-Segretarju Ezekuttiv** — Ħatra ta' Segretarju Ezekuttiv

Ir-rapport tal-intervista tas-Segretarju Ezekuttiv kien imressaq fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Il-bord tal-għazla ma rrakkomanda lil ħadd mis-sebgħa kandidati li kienu eliġibbli wara li kienet interessata biss persuna waħda u l-oħrajn irtiraw l-interess tagħhom.

04.03 **Cantata Riħ fil-Qolla** — Cantata

Ezattament qabel din il-laqgħa, fl-16:30pm kien hawn laqgħa bejn is-Soċjetajiet Muzikali u l-organizzaturi tal-Cantata *Rjieħ fil-Qolla*. Matul din il-laqgħa kienu diskussi punti ta' loġistika biex din il-Cantata tittella' fil-Knisja Parrokkjali nhar is-16 ta' Novembru 2024. Matul il-laqgħa intqal illi se jkun hemm refuzjoni mir-Reġjun Punent ta' €8,500 u li l-KLQ se *jikkeppjaha* għal €9,000 peress li hemm ċirkustanzi ġodda bħall-estenzjoni tal-presbiterju biex jakkomoda 30 persuna tal-kor. Il-posters qed isiru għand l-istampatur Bestprint u l-Compares se jkunu mis-Soċjetajiet Muzikali.

04.04 ***Finishings* tal-Muniċipju l-ġdid** — Finishings

Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-kunsillieri fid-dettall f'hiex kien jikkonsisti x-xogħol u issa jidher li minn barra, dan ingħalaq u ġie ssiġillat mil-ilma tax-xita qabel ma daħlet ix-Xitwa skont kif kien ippjanat. Is-Sur Karmenu Farrugia xtaq jagħmel vizita fis-sit u l-kunsillieri kollha kienu mistiedna biex jattendu. Is-Sur David Schembri qal illi mit-tfaddil tal-flus tal-Berġa, se jkun jista' jsir xogħol ieħor u se niggwadanjaw minn skema lokali SPI/SCI/2/24 (€38,000) biex isiru l-kmamar tal-banju tas-sular ta' fuq. Dwar il-bandli, l-evalwaturi li

m'humiex tekniċi, qed jistennew ir-rapport tas-Sur Kevin Borg biex tiġi aġġudikata din l-offerta pubblika.

04.05 *Clean Up* Tindifa

Dwar it-tindifa li saret nhar is-Sibt, 14 ta' Settembru, 2024, intqal illi minkejja li attendew għaliha ftit persuni flimkien mar-rapprezentanza tal-Kunsill u r-Reġjun Punent, inġabru tmintax-il xkora skart mix-xagħri taċ-Ċentru tal-Vizitaturi ta' Ħaġar Qim, mejjilla taċ-ċeramika, televizjoni mill-antiki u tyre ta' trakk. Is-sea clean up kellha tiġi posposta minħabba r-riħ qawwi li ħakem dawn l-inħawi fi tmiem il-ġimgħa mil-kumpanija 'The Coast is Clear'. Il-kunsillieri lmentaw li kienu jafu bid-data ta' din il-*clean up* tard filwaqt li d-Deputat Segretarju Ezekuttiv fakkar illi din kienet ko-ordinata mir-Reġjun Punent li applikajna magħhom. Il-*press conference* mid-Dipartiment Gvern Lokali qed issir bħalissa matul din il-laqgħa, l-finanzjament tagħha se jsir mid-Dipartiment u mir-Reġjun Punent, filwaqt li l-Kappillan tal-Parroċċa għamel avviz fil-quddies kollu li sar tas-7 u t-8 ta' Settembru (fil-festa tal-Bambina).

04.06 **Punti oħra**

04.06.01 Is-Sur David Schembri, s-Sindku, tkellem dwar l-iskema tat-toilets awtomatiċi u qal illi se jibda' x-xogħol fuq it-toilet tal-librerija pubblika li jlaħħaq madwar €4,000. Dawn ix-xogħlijiet qed isiru mil-handyman filwaqt li l-madum u l-aċċessorji se jinxtraw mingħand bathroom supplier. Dwar dan kien hemm qbil unanimu biex ifittex isir ix-xogħol. Latrini Awtomatiċi

04.06.02 Il-Viċi Sindku, is-Sa Anthea Sacco tkellmet dwar il-*magazine* li se joħroġ f'Diċembru 2024. Punti li ssemmew kienu dwar l-isem tal-*magazine*, l-artikli tal-kunsillieri, ta' persuna interessata mil-kultura, is-Sur Ninu Bezzina, l-intervista tas-Sa Oriana Farrugia lil Dun Manuel Agius, ta' xi ħadd li se jikteb fuq is-saħħa mentali u l-artikli tal-għaqdiet fosthom tal-baned, boċċi u futbol. Magazine

04.06.03 Is-Sindku, is-Sur David Schembri semma' l-ittra mill-Avukat tal-Kunsill dwar l-*encroachment* f'Wied iz-Zurrieq issa hija lesta u din se tintbgħat lill-awtoritajiet biex ħadd ma jabbuza aktar. Wied iz-Zurrieq

04.06.04 Is-Sa Anthea Sacco, uriet ix-xewqa li tagħmel *Coffee Morning* nhar it-30 ta' Ottubru 2024 fis-Suq tal-Belt. Il-prezz inkluz it-trasport se jkun ta' €18 u se jkun hemm zjara fil-Kon Katidral ta' San Ġwann. Coffee Morning

04.06.05 Is-Sa Anthea Sacco talbet biex issir rampa mal-gazebo tal-Ġnien tal-Warda. Rampa

04.06.06 Is-Sa Anthea Sacco tablet biex il-Kunsill Lokali tal-Qrendi jiffinanzja Kors fl-Ewwel Għajnuna. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li nfetħu l-korsijiet fl-Ewwel Għajnuna mir-Reġjun Punent li se jkun mingħajr ħlas. Kors fl-Ewwel Għajnuna

04.06.07 Is-Sa Anthea Sacco xtaqet li jkun organizzat *party* tal-Milied jew tal-*Halloween* possibilment fiċ-Ċentru Parrokkjali. Parties

04.07.08 Saret mistoqsija dwar jekk il-ġiebja fil-Ġnien tal-Warda izzomx ilma jew le. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi din m'hix imbattma izda anke jekk tkun l-ilma se joħroġ għax qasmuha l-għeruq tas-siġar. Ġiebja imtaqqba

04.07.09 Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem dwar il-bzonn li jinbidlu il-lampi li hemm maqtugħin fil-Ġnien tal-Warda. Is-Sindku, is-Sur David Schembri infurmah illi Lampi tal-Ġnien tal-Warda

ħafna mil-materjal tal-elettriku għadu mwaħħal barra minn xtutna skont kif infurmana il-kuntrattur Nexos Co Ltd.

04.07.10 Is-Sa Marion Parnis staqsiet dwar l-e-mails li qed jintbagħtu 'bla sens' mil-Kunsill lill-kunsillieri filwaqt li jitħallew għaddejjin e-mails oħrajn ta' ċertu portata. Talbet ukoll li jkunu itteggjati l-kunsillieri kollha wieħed wieħed fil-posts ta' facebook. E-mails

04.07.11 Is-Sa Marion Parnis tkellmet fuq is-*Sleeping Policeman* li kienet inqalgħet fi Triq Ġuzeppi de Piro. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi kellha tinqala' minħabba li kienet inkonvenjent minħabba l-vetturi tqal li jħabbtu x'ħin jaqbzu minn fuqha. Sleeping Policeman

04.07.12 Is-Sa Marion Parnis talbet spjegazzjoni kif hemm qasrija f'gandott fi Triq it-Torri. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal li minkejja li ma nafux min qed jagħmel dan, din qed issir apposta biex wieħed jimblokka l-ilma mis-sieqja tal-bir ta' xi ħadd biex l-ilma tax-xita jidħol fil-bir tiegħu. Imblokk tas-Sieqja tal-ilma tal-bir

04.07.13 Is-Sur Karmenu Farrugia talab sabiex jinqala *litter bin* kbir li mhux jintuza minn fejn il-Pitch tal-Boċċi. Kien hemm konferma illi veru mhux jintuza u dan jista' jinqala.
Is-Sur Karmenu Farrugia talab sabiex tinzabar is-siġra li hemm quddiem il-pitch tal-boċċi. Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi din iz-zabra se ssir hekk kif din is-siġra tkun mistrieħa ġaladarba mhix ta' ostakolu għall-vetturi. Siġra li gguffat

04.07.14 Is-Sur Karmenu Farrugia talab ir-rapport finanzjarju. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qal illi dan ma kienx imdaħħal fl-agenda minħabba li kienet ippubblikata minn qabel. Madankollu ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart se jkun imdaħħal fl-agenda tal-laqgħa li jmiss. Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart

04.07.15 Is-Sur Karmenu Farrugia tkellem dwar gandott tal-ilma li ma sarx mil-Kunsill fit-telgħa tat-Triq tal-Grazzja. Is-Sindku, s-Sur David Schembri qal illi din saret mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet mingħajr ma kkonsultaw magħna u ma kienetx magħluqa tajjeb tant li xi ħadd ġarrab ħsarat fuq il-vettura tiegħu u kiteb lilna għax ħaseb li konna imdaħħlin fiha aħna. Storm Water Culvert fit-Telgħa tal-Grazzja

04.07.16 Is-Sur Karmenu Farrugia staqsa jekk inġiebux l-istimi tal-armar tat-toroq tal-Milied. Id-Deputat Segretarju qal illi hu ma staqsa lil ħadd għax ma nafux x'għandna bzonn. Is-Sur Farrugia qal illi għandna nħalluha f'idejhom x'ser jarmaw. Armar tat-toroq tal-Milied

04.07 **RIGHTS** RIGHTS

Dwar dan il-programm tar-RIGHTS tkellmet is-Sa Nina Skye Briffa fit-tul. Hija qalet illi se ssir laqgħa għaz-zgħazagħ ta' bejn is-6 u s-16-il sena nhar il-25 ta' Settembru 2024. L-għan tal-programm hu li madwar tmien zgħazagħ jibdew jiltaqgħu darba fix-xahar. L-ewwel erba' laqgħat se jkunu monitorjati mill-organizzaturi u l-oħrajn iridu jkunu *mentored* minn zgħazagħ oħra. Il-kunsillieri qalu illi peress li m'hemmx wisq ċans li sal-25 ta' Settembru ssir wisq pubbliċità neċessarja, tajjeb li nitolbu li din il-laqgħa tkun posposta sakemm inkellmu lis-Soċjetajiet Muzikali, għaqdiet tal-Futbol ecc. Kien innotat li dak in-nhar taħbat ukoll l-ewwel ġurnata li t-tfal jidħlu skola u ftit hemm ċans li jipparteċipaw.

04.08 **Ġnien tal-Kmand** Ġnien tal-Kmand

Is-Sindku, is-Sur David Schembri tkellem fuq il-Ġnien tal-Kmand fejn qal illi filwaqt li l-faċċata tiegħu se tkun restawrata minn skema tad-Dipartiment Gvern Lokali, fuq ġewwa rridu nagħtu stima tax-xogħlijiet lil Din l-Art Ħelwa. Madankollu s'issa l-Perit għadu ma kkonkludiex l-istima u se ssir laqgħa nhar it-2 ta' Ottubru fis-13:00 dwar dan fuq is-sit.

04.09 **SPI/SCI/7/2024 – Espressjoni ta' Interess- Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet pubbliċi** SPI/SCI/7/2024

Kien deċiz unanimament illi l-Kunsill Lokali tal-Qrendi japplika biex isiru x-xogħlijiet li hemm bzonn fuq iċ-Ċentru Ċiviku. Dwar din l-applikazzjoni se jkun imqabbad il-Quantity Surveyor tal-Perit tal-Binja sabiex jissottometti l-BOQ inkluz dik tal-ispejjez tal-lift biex din il-Binja tingħalaq billi insibu l-finanzament għas-sular ta' fuq.

04.10 **Appuntament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-7:45pm u dik li jmiss se ssir nhar l-14 ta' Ottubru 2024 fil-5:00pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati nhar l-14/10/24 minn David Michael Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku